MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 134/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Elaine Therese Rizzo**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm887.49 (tmin mija u seba u tmenin lira Maltin u disa u erbghin centezmu) rapprezentanti diversi kambjali li inhargu fis-26 ta' Dicembru 1998 minn Elaine Therese Rizzo favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' Lm46.71 (sitta u erbghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenuta naqset li thallas dsatax (19) –il kambjala ta' Lm46.71 (sitta u erbghin lira Maltin u wiehed u sebghin

centezmu) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Dicembru 1998 u Novembru 2002.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm887.49 (tmien mija u seba' u tmenin lira Maltin u disa' u erbghin centezmu) minharra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' lil John Sultana li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur noe l-ammont ta' Lm887.49 (tmien mija u seba' u tmenin lira Maltin u disa' u erbghin centezmu) rapprezentanti dsatax il-kambjala li baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------